MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 102/2006

**Martin Aquilina (ID 768755M)**

**Vs**

**Sandro Bugeja (ID 5070M) u b'digriet tal-20 ta' Lulju 2006, gie kjamat fil-kawza Frans Caruana, maghruf bhala l-Bobo**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fit-13 ta' Frar, 2006 fejn gie premess li l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira (LM1500) rapprezentanti somma flus depozitata mal-konvenut u mhux ritornata lill-attur kif miftiehem u kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficcjali datata 4 ta' Jannar 2006, bl-imghax u b'hekk il-konvenut minn issa jibqa` ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-8 ta’ Marzu, 2006 fejn gie eccepit illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi fl-ewwel lok, kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-hlas ta’ ebda somma vantata mill-attur u qatt ma kien hemm ftehim li l-eccipjenti jaghti xi flus lill-attur;

Illi fit-tieni lok, qatt ma kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet li jaghtu lok ghal depozitu, kuntrarjament ghal kif inhi dedotta t-talba ta’ l-attur, izda l-eccipjenti gieli qaghad bhala l-mandatarju ta’ l-attur biex ihallas ir-registrazzjonijiet ta’ vetturi ma’ l-ADT;

Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe somma vantata mill-attur certament hija dovuta minn Frans Caruana, maghruf bhala l-Bobo, u dan kif debitament ammess minnu quddiem l-ufficcjali tal-Pulizija u quddiem l-istess attur, u ghaldaqstant, l-eccipjenti jirrileva li huwa opportun li ssir il-kjamat fil-kawza tieghu;

Illi in kwantu ghall-ispejjez reklamati fl-Avviz odjern, l-eccipjenti jirrileva li ma tezisti ebda ittra ufficcjali datata 4 ta’ Jannar 2006 li huwa gie notifikat biha, izda gie notifikat b’ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 3 ta’ Jannar 2005 u pprezentata fl-4 ta’ Jannar 2006, liema ittra huwa kkontestaha, apparti fil-mertu, fis-sens li hija nulla stante li ma nzammux id-disposti ta’ l-istess Artikolu 166A, u ghaldaqstant m’ghandux ibaghti l-ispejjez ta’ ittra li qatt ma giet ipprezentata jew ta’ ittra ohra li mhux reklamata fl-Avviz odjern, u li hija nulla u bla ebda effett fil-Ligi.

Illi inoltre, l-eccipjenti indika l-persuna responsabbli ghat-talba attrici fin-nota tieghu pprezentata fl-Atti ta’ l-Ittra Ufficcjali Nru 34/06, u ghaldaqstant m’ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u semgha x-xhieda kollha prodotti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decisjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-**attur** qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu is-somma ta' Lm1500 rappresentanti somma flus depositata mieghu u mhux ritornata, anke jekk hekk kien miftiehem li jsir.

In sostenn ta' din il-pretensjoni xehed l-attur (24.05.2006) li qal illi f'Ottubru 2005 kien informa lill-konvenut li kien gab vettura minn barra u dan ta' l-ahhar talbu biex jghaddilu l-karti kollha sabiex jehodlu hsieb ir-registrazzjoni ta' l-istess vettura u jgiblu l-pjanci. Hekk kien ghamel flimkien ma' Bank Draft fl-ammont ta' Lm6,858.75 (DOK MA1).

Jispjega illi wara hafna telefonati u zmien, il-konvenut kien talbu jmur l-ADT b'kopja tal-Bank Draft mieghu. Irrizultalu illi d-draft "*kien gie depositat ma' l-ADT fuq hames vetturi ohra li ma kellhomx x'jaqsmu mal-vettura tieghi*". Affrontat b'dan l-akkadut, il-konvenut "*beda jgib hafna skuzi u jsemmi lil Bobo u mhux Bobo, pero` jiena nfurmajtu illi jiena kont assenjajt lilu u kont qed nippretendihom minn ghandu*".

Jghid ukoll li l-konvenut ikkonsenjalu lura Lm5249, permezz ta' Lm1500 cash fit-22 ta' Novembru 2005, cekk fl-ammont ta' LM2000 madwar hmistax wara u Bank Draft fl-ammont ta' Lm1746 quddiem l-Ispettur Micallef Grimaud fl-Ghassa tal-Belt Valletta u l-imsemmi Bobo (Frans Caruana). Jispjega illi allura fadal bilanc ta' l-fuq minn Lm1600 izda qed jitlob Lm1500, bilanc li l-konvenut wieghed li jhallas diversi drabi izda li naqas milli jaghmel dan.

In kontro-ezami l-attur cahad li kien silef xi flus lill-konvenut jew li kien jaf illi l-konvenut qabbad lil Frans

Caruana. Jammetti illi kien hemm laqgha ghand il-Pulizija, fejn dan Frans Caruana kien accetta illi l-flus kienu qeghdin ghandu. Jikkonferma ukoll illi parti mill-flus li huwa thallas lura kienu gew minn ghand Frans Caruana.

Mix-xhieda tal-konvenut **Sandro Bugeja** (17.10.2006) jirrizulta illi fuq il-fatti dwar illi l-attur kien inkarigah johroglu l-pjanci ghall-vettura li l-attur kien gab minn barra ma hemmx kontestazzjoni. Spjega kif u r-raguni ghaliex ic-cekk ta' l-attur spicca ghand Frans Caruana - in effetti kien gie kkonsenjat lil Frans Caruana mill-ADT stess peress illi ma kienux izommu cekkijiet li ma jsarfux dak in-nhar stess. Jaqbel ukoll mal-verzjoni tal-fatti kif xehed l-attur illi c-cekk ta' l-attur intuza minn Frans Caruana ghal vetturi ohra.

Il-konvenut jsostni illi Frans Caruana dejjem ipprometta illi jaghti l-flus lura lill-attur – izda baqa` ma ghamilx hekk. Jghid illi anke quddiem l-Ispettur Micallef Grimaud dan Frans Caruana kien ammetta illi kellu jirrifondi l-flus lura lill-attur. Jghid ukoll illi l-flus li huwa kkonsenja lura lill-attur kien ghaddiehomli u rrifondihom lura Frans Caruana.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi Frans Caruana gie kjamat in kawza u debitament notifikat ghas-seduta tat-29 ta' Jannar 2007 huwa ma deherx u di fatti gie ppresentat fil-konfront tieghu kapitolu ghas-subizzjoni.

Illi xehed ukoll **Anthony Bugeja**, missier il-konvenut, (14.05.07) li kkonferma dak li kien xehed ibnu.

Minn naha tieghu l-**Ispettur Micallef Grimaud** xehed illi f'laqgha li kienet saret fl-ufficcju tieghu "*l-intendiment donnu kien illi l-affarijiet isiru kif suppost, il-flus imorru fejn kellhom imorru u fuq il-kelma ta' rgiel kollox kellu jigi ghal dak li kellu jkun b'mod ordnat…*".

Jikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-assjem shih tal-provi prodotti huwa evidenti illi kien il-kjamat in kawza Frans Caruana illi dahhal lill-attur u lill-konvenut fil-kwistjoni li ghandna quddiemna. Dan jidher ammess mill-istess Frans Caruana, mhux tant ghax irrisponda ghall-proceduri de quo, izda ghax jirrizulta illi ammetta huwa personalment u di piu` hallas lura parti mis-somma li kellha tigi rifuza lill-attur. Jirrizulta ukoll illi dan Frans Caruana kellu jirregolarizza l-affarijiet mal-ADT – haga li baqa` ma ghamilx.

*Indubbjament, il-kjamat in kawza huwa parti in kawza u meta ammess ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, jirrivesti l-libsa ta' konvenut u jista' ghalhekk jigi kkundannat jew liberat mit-talba*.[1]

Dan maghdud u tenut kont ir-rizultanzi mill-provi kif hawn fuq elenkati, it-Tribunal ma' jsib ebda diffikulta` illi filwaqt illi jillibera lill-konvenut mit-talba li qed issir kontra tieghu, b'dana kollu jikkundanna lill-kjamat in kawza sabiex ihallas hu lill-attur is-somma hawnhekk riklamata.

Ma hemmx dubbju illi l-attur ghandu jinghata l-gustizzja li qed ifittex. Ma hemmx dubbju lanqas illi l-interess supreme ta' l-attur hija illi huwa jirkurpra il-flus li hareg. Imma ghandu jkun pacifiku jinghad illi ghalkemm l-attur intavola l-procedura kontra l-konvenut - bbazat fuq il-fatt illi l-flus kien ghaddihom lilu u ukoll "*kif miftiehem*" – b'dan kollu ma jirrizultax il-ftehim allegat fl-Avviz promotur.

Mhux biss jirrizulta illi kien il-kjamat in kawza illi huwa responsabbli ghar-rifuzjoni tas-somma lill-attur, izda kif anke indikat lill-attur fin-nota tat-12 ta' Gunju 2006 fl-atti ta' l-ittra ufficjali 34/06, il-konvenut gja kien indika lill-attur min kien responsabbi ghal tali rifuzjoni. Rifuzjoni li kienet in effetti gja bdiet issehh mill-kjamat in kawza – ammissjoni cara u skjetta da parti tieghu (accettata anke mill-attur).

In kwantu illi l-flus l-attur kien ghaddihom lill-konvenut u issa qed jippretendihom minn ghandu akkost ta' kollox,

[1] Appell Civili (Inferjuri) - PS – 15/12/2003 – Sammut Gaetano vs Sammut Pauline

dan ma ghandux ikun u sakemm lil dan it-Tribunal irrizultalu illi Frans Caruana huwa l-persuna li ghandu jirrifondi s-somma riklamata, u sakemm dan Frans Caruana gie kjamat in kawza, u sakemm allura fil-konfront ta’ Frans Caruana tista` tinqata` din id-decizjoni, it-Tribunal sejjer isib lill-kjamat in kawza Frans Caruana responsabbli ghall-hlas lill-attur.

Mill-provi jirrizulta car illi l-konvenut ma agixxiex b’mod skorrett, b’mod negligenti jew b’nuqqas ta’ prudenza versu l-attur. Kien biss il-kjamat in kawza li ghamel dan meta uza l-fondi ta’ l-attur ghal vetturi ohra u mhux ghal dik ta’ l-istess attur. Il-konvenut ma jistghax jinghad illi agixxa b’mod skorrett u jkun legittimu u korrett illi l-konvenut ma jigix kkundannat izda jigi kundannat minn effettivament ghamel uzu tal-flus ta’ l-attur, ossia il-konvenut.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghalhekk jillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, ukoll fil-kontumacja tal-kjamat in kawza, jilqa` it-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Frans Caruana u jordna lill-istess kjamat in kawza Frans Caruana ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef erba` mija u erba` u disghin Euro u sitt centezmi (€3494.06).

Bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjes kollha kontra l-istess kjamat in kawza Frans Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------